**Kunsill Reġjun Punent**

Local Government Building, Triq il-Gvern Lokali Marsa, Malta

E | Reġjun-punent.dlg@gov.mt T | 22266602

**L-Ewwel Leġislatura Reġjun Punent**

**Minuti** Numru **32**

Laqgħa tar-Reġjun Punent

Il-Kunsill Reġjonali Punent iltaqa' nhar it-Tlieta 12 ta' Marzu, 2024 fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Local Government Building, Triq il-Gvern Lokali, Marsa, fil-17:30 ta' filgħaxija.

---

**PREŻENTI FIL-BINI AMMINISTRATTIV:**

President: Is-Sur Sandro Azzopardi

Il-Qrendi: Viċi President is-Sur David Michael Schembri

L-Imqabba Sindku s-Sa Marie Grace Zerafa

Ir-Rabat: Sindku s-Sur Alexander Craus

Iż-Żurrieq: Sindku s-Sa Rita Grima

**PREŻENTI B'MOD VIRTWALI:**

Ħaż-Żebbuġ: Sindku s-Sur Mark Camilleri

Is-Siġġiewi: Sindku s-Sur Dominic Grech

Ħad-Dingli: Sindku Raymond Schembri.

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

L-Imdina: Sindku s-Sur Peter Sant Manduca

Ħal Kirkop: Sindku s-Sur Terence Agius

Ħal Safi Sindku s-Sur Johan Mula.

Il-laqgħa ġiet ippreseduta mill-President Sandro Azzopardi u nfetħet fil-18:00 ta' filgħaxija.

**32.01 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

Ir-Reġjun Punent irċieva ittri ta' apoloġija Skont Ordni Permanenti 14A (3) mingħand is-Sindki ta' l-Imdina is-Sur Peter Sant Manduca, ta' Ħal-Kirkop is-Sur Terence Agius u ta' Ħal Safi is-Sur Johan Mula. Fuq proposta tal-President, kien hemm qbil unanimu sabiex dawk il-membri mhux preżenti jitniżlu skużati.

**32.02 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 31;**

Il-President ressaq għal approvazzjoni il-Minuti tal-Laqgħa numru 31 li saret nhar is-13 ta' Frar, 2024.

Il-Viċi President informa li ma kellux bżonn jittieħed il-casting vote ġaladarba ma kienx hemm qbil, u għalekk il-minuta 31.09.03 se tkun emendata kif ġej:

Voti Favur: Is-Sindki ta' Ħaż-Żebbug, is-Sur Mark Camilleri u ta' Hal-Safi is-Sur Johan Mula.

Voti Kontra: il-Vici President u Sindku tal-Qrendi is-Sur David M. Schembri; is-Sindki ta' l-Imqabba is-Sa. Grace Marie Zerafa u is-Sindku taż-Żurrieq is-Sa. Rita Grima.

Sekondant: Il-Viċi President u Sindku tal-Qrendi, s-Sur David M. Schembri
Il-Kunsill qabel unanimament

**32.03 Komunikazzjoni mill-President**

32.03.01 Nhar l-14.02.24 irċivejna mingħand id-DLG li approva l-estensjoni tal-perjodu tal-implimentazzjoni dwar l-iskema SPI/SCI/10/2022-Żvilupp ta' Latrini Pubbliċi Awtomatiċi madwar Malta u Għawdex.

32.03.01 Nhar l-14.02.24 kellu jkun hemm il-Focus Group tal-SIA għas-Sindki u Kunsillieri u nhar it-22.02.24 għall Kunsilliera. Madanakollu kien hemm attendenza wahda.

32.03.02 Nhar il-15.02.24 irċivejna Ċir AKL 2024/016 fuq 'Collaborative Mural Project'. L-NGO Żibel flimkien ma' Art2030 ħolqu proġett bil-mira li tindirizza t-tniġġiż tal-baħar u tal-art permezz ta' pitturi kbar fuq il-ħitan li jirrappreżentaw il-bżonn urġenti ta' konservazzjoni.

32.03.03 Nhar il-15.02.24 irċivejna Case 1835/1836/1837 dwar 'Application for Declaration of Ineffectiveness' minghand Mr Richard Cauchi, Mica Med Ltd and J.F Mallia. Is-Smigħ li kien skedat għal Ħamis nhar it-28.03.24 tressqet għal Ħamis nhar l-14.03.24.

32.03.04 Nhar is-16.02.24 il-Maniger tal-Ambjent attenda għal-konferenza fuq l-Ilma Nazzjonali.

Table 1: *Status, Objectives and exemptions for each category of surface water bodies*

| Water body | Code | Current Status | | Status Objectives | Exemptions |
|---|---|---|---|---|---|
| | | Ecological | Chemical | | |
| Wied tal-Baħrija | MTWC01 | Bad Ecological Status | Failing to achieve good status | Good ecological and chemical status. Possibility of less stringent objectives to be assessed | 2027 or when natural conditions permit |
| Wied il-Luq | MTWC02 | Poor Ecological Potential | Failing to achieve good status | To achieve good ecological potential and good chemical status | 2027 or when natural conditions permit. |

Widien tagħna, bħal maġġoranza ta' Malta u Għawdex qegħdin fi stat ekoloġiku gravi

Table 4: *Status Exemptions for Groundwater Bodies in the Malta River Basin District.*

| Groundwater body | Code | Current Status | Status Objectives | Timeline |
|---|---|---|---|---|
| Malta Mean Sea Level | MT001 | Poor | Good | 2027 or when natural conditions permit |
| Rabat-Dingli Perched | MT002 | Poor | Good | 2027 or when natural conditions permit |
| Mġarr-Wardija Perched | MT003 | Poor | Good | 2027 or when natural conditions permit |
| Pwales Coastal | MT005 | Poor | Less stringent objectives | No Deterioration |

Rabat-Dingli Perched Aquifer qiegħed *Poor* u għandhom il mira li jieħu status ta' *Good* sa 2027 jew meta b'mod naturali jippermmetti li l-water body tirkupra

Table 7: *Identification of "at risk" bodies of groundwater*

| GWB-Code | GWB-Name | Risk Review 2009 | Risk Review 2015 | Risk Review 2022 | Significant Pressures | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Point Source Pollution | Diffuse Source Pollution | Water Abstraction | Sea-Water Intrusion |
| MT001 | Malta Mean Sea Level | At Risk | At Risk | At Risk | X | X | X | X |
| MT002 | Rabat-Dingli Perched | At Risk | At Risk | At Risk | X | X | X | |
| MT003 | Mġarr-Wardija Perched | At Risk | At Risk | At Risk | X | X | X | |
| MT005 | Pwales Coastal | At Risk | At Risk | At Risk | | X | X | X |
| MT006 | Miżieb Mean Sea Level | Not at Risk | Not at Risk | At Risk | | X | X | X |
| MT008 | Mellieħa Perched | At Risk | At Risk | At Risk | | X | | |
| MT009 | Mellieħa Coastal | At Risk | At Risk | At Risk | | X | | X |

Rabat-Dingli Aquifer (Water Body) huwa f'riskju ta' diversi aspetti tat-tniġġis u anke t'estrazzjoni estrema.

32.03.05 Nhar is-16.02.24 il-Maniger tal-EU / Local Funds bgħatet tavza lil Kunsilli Lokali dwar il-European City Facility (EUCF) Scheme.

32.03.06 Nhar is-16.02.24 irċivejna PQ16431- Ġbir tal-iskart-Ħinijiet. L-Onor Rebekah Borg saqsiet lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u Gvern Lokal:

**Jista' l-Ministru jipprovdi dettalji dwar il-ħinijiet speċifiċi stipulati fil-kuntratt, mal-kumpaniji tal-immaniġġjar tal-iskart għall-ġbir tal-iskart?**

32.03.07 Nhar is-16.02.24 ħriġna is-sejħa għal Council Assistant internament. Wara li ma rċivejna l-ebda applikazzjoni infurmajna lil Jobsplus sabiex nimxu għal parti li jmiss.

32.03.08 Nhar is-16.02.24 irċivejna kommunikat mid-DLG mill-ministeru għall-ambjent, enerġija u riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir. EUFC hija inizjattiva Ewropea biex tappoġġja l-muniċipalitajiet, l-awtoritajiet lokali u l-gruppi tagħhom madwar l-Ewropa. L-għan aħħari huwa li tinbena pipeline sostanzjali ta' proġetti ta' investiment fl-enerġija sostenibbli madwar l-awtoritajiet lokali u l-entitajiet pubbliċi lokali fl-Ewropa. Il-fond allokkat u ta €60,000. It-tipi ta' attivitajiet li jikkwalifikaw biex jirċievu appoġġ finanzjarju huma attivitajiet li huma meħtieġa għall-iżvilupp ta' kunċetti ta' investiment, bħal studji ta' fattibilità, analiżi ta' inġinerija, analiżi legali, studji soċjali, studji tas-suq, analiżi finanzjarja, u kompiti ta' appoġġ ulterjuri.

32.03.09 Nhar is-17.02.24 irċivejna mingħand il-fondazzjoni tal-konservazzjoni tan-naħla Maltija li t-talba sabiex in-naħla issir insett nazzjonali ġiet evalwata b'mod pożittiv!

32.03.10 Nhar id-19.02.24 irċevejna mill-Arts Council dwar żewġ skemi. L-ewwel waħda hi The Artistic Heritage Scheme u it-tieni li ser tkun qed toħroġ fid-29.04.24, The Regional Cultural Coordination Programme.

32.03.11 Nhar l-20.02.24 irċivejna mill-MTA sabiex nagħaddulhom avvenimenti li ġejjien sabiex jidhru fuq is-sit ta' VisitMalta.

32.03.12 Nhar l-20.02.24 infurmawna mil-Monitoring ta' DLG dwar it-Trading License Unit fi ħdan id-Dipartiment tal-Kummerċ li qegħdin fil-proċess li joħorġu t-Tiġdid tal-Liċenzja tan-Negozju. Il-publiku mistenni li jmur jirregistra fil-Kunsilli Lokali.

32.03.13 Nhar il-21.02.24 il-President tar-Reġjun Punent bagħat lid-Direttur Ġenerali dwar sitwazzjoni allarmanti fuq żamma ta' ambjent nadif - Suġġett dwar il-ġbir ta' skart fir-Reġjun Punent. Dan sabiex id-DLG jieħu azzjoni fuq in-nuqqas ta ftehim mal-PROs li ser iwassal biex ir-Regjun ma jkollux flus biex iħallas għal ġbir ta skart.

32.03.14 Nhar it-22.03.24 irċivejna invit għal waste reduction rewards li ser isiru nhar 13.03.24. Ir-Regjun Punent kien raprezentat bil- kompetizjoni tal-presepji, clean ups u l-illuminated trail dwar Separazjoni tal-Iskart.

32.03.15 Nhar it-22.02.24 irċivejna mingħand AKL Cir AKL 2024/016 dwar Collaborative Mural Project sabiex jagħmlu tpinġija murali favur l-ambjent. Il-Kunsilli Lokali jridu jidentifikaw postijiet fejn dawn isiru.

32.03.16 Nhar it-22.02.24 ghamilna laqgħa mal-Lesa dwar l-Mdina ANPR Cameras fejn ser ikunu qed jirrangaw il-cameras a spejjez tagħom. Ukoll ser jinstallaw camera oħra skond is-sejħa tal-appalt ta' CCTV li ħareġ ir-Reġjun Punent.

32.03.17 Nhar it-23.02.24 irċivejna mill-green.mt sabiex ninfurmaw dwar l-ammont ta' ċetifikati (riċiklaġġ) li inħarġu għas-sena 2023. Wara li tkellimt ma Presidenti Regjonali ohra tlabna direzjoini mingħand id-DLG minħabba li għad hemm pendenti l-iffirmar ta' ftehim magħhom.

32.03.18 Nhar l-24.02.24 saret il-cleanup Reġjonali ġewwa l-lokalita' tas-Siġġiewi. Ringrazjamanet lil Maniġer tal-iskart li kkordina mal-kumpaija KPMG li għenu sabiex din l-attivita tkun suċċess. B'kollox inġabru total ta' 112KG ta' skart madwar il-grawnd tal-Futbol.

32.03.19 Nhar it-26.02.24 irċivejna mill-Mita dwar kors li ser jiġi organizzat bħala parti minn Cybersecurity skilling programme.

32.03.20 Nhar is-27.02.24 ircivejna Ċir AKL 2024/017 dwar The Phoenicians' Route - Opening Ceremony - Dialogue on the Phoenician's Route 2024 fejn nhar 15.03.24 ser isir l-AGM gewwa Malta.

32.03.21 Nhar it-27.02.24 irċivejna mill-Malta Crafts Foundation. Għat-tieni sena ser ikunu qed jorganizzaw l-European Artistic Crafts Day. ~~li ser isseħħ bejn it-2.4.24 u is-7.4.24.~~ Din is-sena bit-tema ta' Little Fingers, expert hands. B'hekk l-avveninmenti ser jkunu ffukati fuq tfal u żgħażagħ.

32.03.22 Il-Maniger tal-Kultura flimkien mal-Maniger tal-Fondi lokali u Ewropej ħarġu bi proposal draft għall-proġett kulturali 'Ara x'għandna fir-Reġjun'. Skont informazzjoni miġbura ser ikun jista jiġi iffinanzjat minn GalXlokk kif ukoll GalMajjistral. Il-fond għadu mhux disponibbli u minn naħa ta' GAL Xlokk l-fondi aktarx jinħarġu lejn l-aħħar kwart ta' din is-sena. Dawn t'hawn taħt huma ftit punti rigward il-fond li se jkun qed jolqot waħda mill-objettivi fl-istrateġija li daqt toħroġ minn naħa ta' GAL Xlokk: **Kummerċjalizzazzjoni tat-territorju (Marketing of territory)**

- Jolqot l-aspetti ta' kultura, agrikultura, gastronomija, eċċ
- Proġetti jistgħu jittellgħu fuq bażi individwali jew b'kollaborazzjoni bejn partijiet interessati.
- Proġetti individwali – budget Min. €10K, Max. €15K
- Proġetti kollaborattivi – budget Min €15K, Max. €45K
- Jistgħu japplikaw, Kunsilli Lokali, Kunsilli Reġjonali, Organizzazzjonijiet Volontarji, SMEs u persuni
- Fond se joħroġ fuq sistema ta rolling call.

32.03.23 Nhar is-26.02.24 ġie jiehu l-esperjenza tax-xoghol student mill-kumanija Travel Edventures li ser iddum magħna sal-15.03.24.

32.03.24 Nhar it-28.02.24 irċivejna Ċir AKL 2024/018 dwar Caritas Malta Epilepsy Upcoming forum li ser isir.

32.03.25 Nhar it-28.2.24 irċivejna Ċir AKL 2024/019 dwar 'Training on Climate Adaptation and Mitigation for Locally Elected Representatives' ~~– 12 & 13 March 2024~~. Dan it-taħriġ ser ikun online u huwa mmirat l-iktar għall-membri eletti iżda staff, konsulenti u kull min huwa interessat f'dan it-taħriġ jista' jattendi bħala "osservatur".

32.03.26 Nhar it-28.2.24 il-President flimkien mas-Sindki ta' Ħal Safi u l-Qrendi kellhom laqgħa mal-ispettur Cremona fejn ġew diskussi il-ħidma tal-Community Police fi ħdan ir-Reġjun Punent, Ko-ordinazjoni tal-community Police speċjalment ma' dawk li ilhom ftit gimgħat. Għarfien aħjar ta' x'qed isir fil-lokalitajiet u xhemm pjanat għal futur.

32.03.27 Nhar id-29.02.24 irċivejna l-invit għall-ewwel edizzjoni ta' Mara li saret nhar it-08.03.24.

32.03.28 Nhar id-29.02.24 irċevejna mingħand id-Direttur Ġenerali s-Sur Vassallo decizjoni dwar il-pagi tal-managers tar-Reġjuni.

32.03.29 Nhar id-29.02.24 il-President attenda għal konferenza dwar ir-rapport ta' SIA tar-Reġjun Nofsinhar.

32.03.30 Nhar l-01.03.24 ġie fi tmiema l- Interns għal 2 żgħażagħ Pollakki Milena Duchnik u Piotr Wojtusik li kienu ilhom magħna minn nhar 05.02.24 b'kolaborazjoni ma METIS.

32.03.31 Nhar l-01.03.24 saret laqgħa ma NGO Żibel fejn ġew diskussi pjanijiet għal data collection fil-festi.

32.03.32 Nhar l-01.03.24 l-manager tal-EU/Local Funds bagħtet email rigward fond maħruġ mill-Malta Council għas-settur volontarju – 'Training Initiatives Scheme'.

32.03.33 Nhar l-04.03.24 u l-05.03.24 sar il-Mental First Aid organizzat mil-AKL fejn attendew l-impjegati tar-Reġjun. ~~Filwaqt li~~ Il-Manager tal-Ambejnt u l-assistent Prinċipal ser qed ikunu qed jattendu dan it-tahrig fi 13.03.24 u fil-15.03.24.

32.03.34 Nhar l-04.03.24 irċivejna minghand UOM dwar il-porgett ta' SIA fejn bagħtulna l-consent forms u l-mistoqsijiet għas-sindki kif ukoll għal kunsilliera. Qabel ma nkunu nistgħu nibgħatuhom ~~dawn it-tali~~, dawn għandhom jgħaddu mill-ethical board.

32.03.35 Nhar l-04.03.24 irċivejna mill-Wasteserv li ser jiġbru sample ta skart minghand kull reġjun ~~għat-tali skart~~ sabiex jiġi stabbilit il-kwalita ta l-iskart riċiklabbli. Dan l-eżerċizzju ser ikunu qed jiddetermina persentaġġ ta' kwalità tajba ta' materjal. Id-data tentattiva għal dan l-analiżi ser issir nhar l-14.03.24 ġewwa SAWPT Marsaskala.

32.03.36 Nhar il-05.03.24 beda l-Audit tar-Reġjun mil-Awdituri Parker and Russell.

32.03.37 Nhar il-05.03.24 għamilna tnehdija fil-kappella tad-Duluri l-Imqabba fuq l-attivitajiet relatata mal-gimgha l-kbira li r-Regjun flimkien mal-Kunsill Lokali tal-Imqabba ser ikun qed jghin lil kazini tal-baned f'wirjiet u play.

32.03.38 Nhar il-05.03.24 irċivejna mingħand is-Sur Attard mill-fondazzjoni għall-benesseri soċjali. Wara l-meeting ta' suċċess, huma jixtiequ li nerġgħu niltaqaw sabiex jiddiskutu possibiltajiet ta' MOU flimkien.

32.03.39 Nhar is-06.03.24 kelli laqgħa mal-Maniger tal-Kultura mal-Arts Council Malta fejn ġiet diskussa l-istrategija kulturali tar-Regjun Punent. Ġew ukoll diskussi iż-żewġ skemi li hemm disponnibli u li ser ikunu qed joħorġu. Il-Laqgħa tmexxiet mir-Regional Cultural Manager Ms. Nicole Borg. Semmewlna li lejn l-aħħar ta' April ser joħrogu fondi fuq 'Regional Cultural Cooperation Programme'.

32.03.40 Nhar is-06.03.24 irċivejna Ċir AKL 2024/20 dwar Kollaborazzjoni għat-tifi tad-dwal waqt l-attivita' tal-'Earth Hour 2024'.L-avveniment ta' Earth Hour 60+ ser tkun qed tiġi ċċelebrata nhar is-Sibt 23.03.24.

32.03.41 Nhar is-07.03.24 rega inġabar kampjun rappreżentattiv għal kull reġjun tal-imsemmi skart sabiex tiġi stabbilita l-kwalità tal-iskart riċiklabbli li qed jitwassal minn kull reġjun. L-eżerċizzju se jiddetermina l-perċentwal ta 'materjal ta' kwalità tajba u rifjuti li qed jitwasslu minn kull reġjun.

32.03.42 Nhar is-07.03.24 flimkien mal-Manigers tal-Kultura u Fondi kelli laqgha ma Profs Christopher Bezzina (Professor of Educational Leadership) dwar possibita ta' progett Interreg Italia-Malta. Filfatt diga beda jsir komunikat ma Amb. Kenneth Vella (Finlandja u Estonja).

32.03.43 Nhar it-08.03.24 ircivejna mil-jobsplus lista ta' kandidati prospettivi għas-sejha ta' Assitant Clerk Scale 16.

32.03.44 Nhar it-08.03.24 ircivejna minghand DLG SPI/SCI/06/2024 - Tnedija mill-ġdid tal-Community Inclusive Employment Scheme (CIES)

32.03.45 Nhar it-08.03.24 il-Maniger tal-iskart laqqa fir-Regjun uhud mil-managers minn Regjuni ohra sabiex jiddiskutu problemi komuni li qed jiltaqgħu magħhom.

32.03.46 Nhar id-09.03.24 ikkollaborajna fil-clean up ġewwa l-lokalita' tas-Siggiewi għal Jum is-Siggiewi. Ukol tħawlu siġar li kienu parti mil-iskema li r-Reġjun Punent ta' lil Kunsilli Lokali.

32.03.47 Nhar il-11.03.24 irċivejna mingħad DLG ċirkulari numru 1/2024 dwar proċeduri ta' kontabilita' tal-Kunsilli Lokali u Reġjonali.

32.03.48 Nhar il-11.03.24 bagħat lil Onor Dalli fuq is-sitwazjoni ta' Komunikat ma Wasteserv ħabba set off ta' accounts.

32.03.49 Nhar il-11.03.24 irċievejna il-*Performance Appraisal* tal-ADES għas-sena 2023, komplut bil-parti assesjata u assenjata mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali.

32.03.50 Nhar it-12.03.24 irċievejna draft contract mingħand il-Planning Authority GS.50038.2023-Statues at Rabat - Restoration of statues on pedestals along heritage trail.

32.03.51 Nhar it-12.03.24 irċievejna mingħand il-Public Service Awards 2024.

32.03.52 Nhar it-12.03.24 irċievejna email mid-DLG minghadn l-Ministru MFWS: The Children and Armed Conflict Project. rapport dwar it-tfal li ġejjin minn żoni ta' gwerer.

32.03.53 Nhar l-14.03.24 ser ikun hemm sessjoni informativa dwar l-Interreg NEXT MED Programme.

32.03.54 Nhar il-15.03.24 flimkien mal-Maniger tal-Iskart attendejt għal-laqgha mil-ERA dwar 'Waste Management Morning Briefing for Regional/Local Councils & Stakeholders'.

**32.04 Tweġibiet għall-mistoqsijiet.**

32.04.01 Il-Viċi President Schembri saqsa dwar ir-responabilta tal-Kunsill Lokali minħabba third party liability fuq barra ez. Bankini toroq. Qed nistennew risposta mingħand l-AKL.

32.04.02 Is-Sindku ta' l-Imqabba semmiet li għad m'għandix access għal generic email tal-Kunsill Lokali tagħha.

32.04.03 Is-Sindku ta' l-Imqabba Grace Marie tkelmet fuq li l-Kunsill Loklai PA ikollu vot fil-PA. Qalet li ikun hemm kazijiet fejn ikunu ħargu l-Outline Development Permit, u l-vot ikun bla snien għax tkun weħida. Xtaqet li idejlament ikolla lil xi ħadd jassitiha waqt il-vot/laqgha. U xinhu l-weight ta kunsill meta l-aplikazjonijiet ikunu skond policies ezistenti? Xtaqet li kieku ikun hemm lok fejn il-permess ikun jista jigi argumentat.

32.04.04 Il-Viċi President Schembri David talab sabiex niccekjaw jistghux jiġġeddu l-kuntratti tal-ħaddiema ta' iskema.

32.04.05 Is-Sindku taż-Żurrieq sqasiet jekk hux leġali li jitwaħħlu avvisi ta' promozzjoni mal-faċċati privati. Il-President informa li ma tantx hemm wieħed x'jaghmel la fuq propjeta privata.

**32.05 Tqegħid ta' Dokumenti/ rapporti**

32.05.01 Tweġibiet tal-PQ's

32.05.02 Rapporti tal-Maniġers Ottubru – Dicembru 2023

32.05.03 Kwotazzjoni RFQ140/2024 Request For Quotation of 8 Air Conditioning Wall Units.

32.05.04 Kwotazzjoni RFQ141/2024 Request For Quotation for Insurance Policy.

32.05.05 Kwotazzjoni RFQ 142/2024 Request For Quotation for Maintenance needed at the Seminary.

32.05.06 Kwotazzjoni RFQ143/2024 Request For Quotation for Fire Exit Door.

32.05.07 Kwotazzjoni RFQ144/2024 Request For Quotation for Pest Control Agent.

32.05.08 Kwotazzjoni RFQ145/2024 Request For Quotation for Printing of Event Book.

32.05.09 Kwotazzjoni RFQ146/2024 Request For the Provision of Hiring a Small-Medium Car

32.05.10 Bridging Cultures: Celebrating Traditions and Cultural Identity.

32.05.11 Proposta ta' proġett iffukat fuq il-well being taħt Eramus Key Action 2.

32.05.12 SPD5/2023/035 - draft contract.

**32.06 Approvazzjoni ta' Xiri**

32.06.01 Kwotazzjoni RFQ139/2024 – Request For Quotation for Fire alarm system and fire exhtinguishers

Il-President informa li ntbagħtu tlett inviti għal kwotazzjoni li minnhom irċevejna tlett offerti. Il-President ippropona li tintgħażel l-irħas offerta. Din kienet ġiet estiża sa l-aħħar ta' Frar.

Sekondant: Is-Sindku tal-Imqabba, is-Sa Grace Marie Zerafa
Il-Kunsill qabel unanimament

32.06.02 Kwotazzjoni RFQ140/2024 – Request For Quotation of 8 Air Conditioning Wall Units

Il-President informa li ntbagħtu tlett inviti għal kwotazzjoni li minnhom irċevejna tlett offerti. Il-President ippropona li tintgħażel l-irħas offerta.

Sekondant: Il-Viċi President u Sindku tal-Qrendi, is-Sur David M. Schembri
Il-Kunsill qabel unanimament

32.06.03 Kwotazzjoni RFQ141/2024 – Request For Quotation for Insurance Policy.

Il-President informa li ntbagħtu erba' inviti għal kwotazzjoni li minnhom irċevejna żewġ offerti. Il-President ippropona li tintgħażel l-irħas offerta.

Sekondant: Is-Sindku taz-Żurrieq, is-Sa Rita Grima
Il-Kunsill qabel unanimament

32.06.04 Kwotazzjoni RFQ 142/2024 - Request For Quotation for Maintenance doors and windows.

Il-President informa li ntbagħtu tlett inviti għal kwotazzjoni li minnhom irċevejna tlett offerti. Il-President ippropona li tintgħażel l-irħas offerta.

Sekondant: Is-Sindku ta' Ħad-Dingli, is-Sur Raymond Schembri
Il-Kunsill qabel unanimament

32.06.05 Kwotazzjoni RFQ 143/2024 – Request For Quotation for Fire Exit Door.

Il-President informa li ntbagħtu tlett inviti għal kwotazzjoni li minnhom irċevejna offerta waħda biss. Il-President ippropona li t'intgħażel l-irħas offerta.

Sekondant: Is-Sindku Mqabba Imqabba, is-Sa Grace Marie Zerafa
Il-Kunsill qabel unanimament.

32.06.06 Kwotazzjoni RFQ 144/2024 – Request For Quotation for Pest Control Agent

Il-President informa li ntbagħtu tlett inviti għal kwotazzjoni li minnhom irċevejna tlett offerti. Il-President ippropona li t'intgħażel l-irħas offerta.

Sekondant: Is-Sindku taż-Żurrieq, is-Sa Rita Grima
Il-Kunsill qabel unanimament.

32.06.07 Kwotazzjoni RFQ145/2024- Request for Quotation for Printing of Event Book

Il-President informa li ntbagħtu tlett inviti għal kwotazzjoni li minnhom irċevejna żewġ offerti. Il-President ippropona li t'intgħażel l-irħas offerta.

Sekondant: Is-Sindku tas-Siggiewi, is-Sur Dominic Grech
Il-Kunsill qabel unanimament.

32.06.08 Kwotazzjoni RFQ146/2024 - Request for Quotation for provision of hiring a small-medium Car.

Il-President informa li ntbagħtu tlett inviti għal kwotazzjoni li minnhom irċevejna offerta waħda biss. Il-President ippropona li tintgħażel l-irħas offerta.

Sekondant: Il-Viċi President u Sindku ta' Qrendi, is-Sur David M. Schembri.
Il-Kunsill qabel unanimament.

**32.07 Skeda tal-Pagamenti Nu.23**

Il-President Sandro Azzopardi ressaq għall-approvazzjoni l-iskeda tal-Pagamenti Numru 23.

Proponent: Il-Viċi President u Sindku ta' Qrendi, is-Sur David M. Schembri.
Sekondant: Is-Sindku taż-Żurrieq, is-Sa Rita Grima
Il-Kunsill qabel unanimament.

**32.08**

32.08.01 **Rapporti tal-Maniġers**

**32.08.01.1 Rapport tal- Maniger tal-Iskart**

Il-President ippreżenta għal approvazzjoni ir-rapport tal- Maniger tal-Iskart ghal perjodu Ottubru sa Diċembru 2023.

Is-Sindku ta' l-Imqabba issuġġeriet li għandu jsir outreach għal każini bħala informazzjoni dwar is-separazzjoni tal-iskart.

Sekondant Il-Viċi President u Sindku tal-Qrendi, is-Sur David M. Schembri.
Il-Kunsill qabel unanimament.

**32.08.01.2 Rapport tal-Maniger tal-Ambjent**

Il-President ippreżenta għal approvazzjoni ir-rapport tal- Maniger tal-Ambjent għal perjodu Ottubru sa Diċembru 2023.

Sekondant is-Sindku Mqabba, is-Sa Grace Marie Zerafa.
Il-Kunsill qabel unanimament.

**32.08.01.3 Rapport tal-Maniger tal- Proġetti**

Il-President ippreżenta għal approvazzjoni ir-rapport tal-Maniger tal-Proġetti għal perjodu Ottubru sa Diċembru 2023.

Sekondant is-Sindku taż-Żurrieq is-Sa. Rita Grima.
Il-Kunsill qabel unanimament.

**32.08.01.4 Rapport tal-Maniger tal-IT**

Il-President ippreżenta għal approvazzjoni ir-rapport tal-Maniger tal-IT ghal perjodu Ottubru sa Dicembru 2023.

Proponent: Is-Sindku ta' Mqabba, is-Sa Grace Marie Zerafa.
Il-Kunsill qabel unanimament

32.08.02 **Attivitajiet sportivi**

Il-President ippropona sabiex ir-Regjun Punent jaghmel MOU ghal kollaborazjoni fuq attivitajiet sportivi ma nurseries tal-futbol.

Sekondant: Is-Sindku ta' Ħad-Dingli, is-Sur Raymond Schembri
Il-Kunsill qabel unanimament

32.08.03 **Attivitajiet tal-Ġimgħa l-Kbira u l-Għid**

Il-President ippropona sabiex ir-Regjun Punent joħroġ sejħa għas-servizz ta teħid ta' Ritratti, Video u Drone ta l-attivitajiet relatata mal-Ġimgħa l-Kbira u l-Għid.

Il-Viċi President, is-Sindku tal-Mqabba, is-Sa Grace Marie Zerafa.
Il-Kunsill qabel unanimament.

32.08.04 **Fondi tal-Lesa**

Il-President ippropona sabiex lejn l-aħħar kwart tas-sena 2024 jekk naraw li xi Kunsilli Lokali ma jkunux nefqu l-fond allokat ta' Eur 10K fuq sentejn, dawn jkunu jistgħu jinqasmu fuq Kunsilli Lokali oħra li jkunu eżawrixxu il-fond maqbul.

Sekondant is-Sindku ta' Mqabba, is-Sa Grace Marie Zerafa.
Il-Kunsill qabel unanimament.

**32.09 Materji Oħra**

32.09.01 **Ingaġġ ta' Council Assistant**

Il-President informa li wara li ma kien hemm ħadd interessat fis-sejħa interna, ir-Reġjun irċieva lista b'żewġ applikanti li jinsabu fuq part 1 minn naha tal-jobsplus. Il-Bord tal-ingaġġ għal intervisti kien magħmul mic-Chairperson il-President is-Sur Sandro Azzopardi, il-Viċi President is-Sur David Schembri, u mis-sindku taż-Żurrieq is-Sa Rita Grima.

Wara li saret l-intervista nhar it-12.03.24, KX ġabet biżżejjed marki biex timla din il-vakanza. Ir-rapport ta' l-għażla ġie mqiegħed quddiem il-membri tar-Reġjun. Il-President ippropona l-approvazzjoni ta' dan ir-rapport u ingaġġ ta' KX.

Sekondant is-Sindku ta' Mqabba, is-Sa Grace Marie Zerafa.
Il-Kunsill qabel unanimament.

32.09.01 **Ingaġġ ta' Technical Officer**

Il-President ippropona l-approvazzjoni sabiex naraw x'hemm rikjest u ir-Reġjun Punent ikun qed joħroġ din is-sejħa. Il-Viċi President ippropona sabiex nresqu tali sejħa mal-AKL u naraw li din is-sejħa tiġi approvata mid-DLG.

Sekondant Il-Viċi President u Sindku tal-Qrendi is-Sur David M. Schembri.
Il-Kunsill qabel unanimament.

32.09.02 **Food handling course**

Il-President ippropona sabiex ir-Regjun Punent ikopri l-ispejjeż lil membri u ħaddiema tal-kunsilli Lokali u membri tal-NGOs li jridu jagħmlu l-kors tal-Food Handling. Dan sabiex nassituhom f'events li huma jkollhom.

Sekondant is-Sindku ta' l-Imqabba, is-Sa Grace Marie Zerafa.
Il-Kunsill qabel unanimament.

**23.03 Tmiem il-laqgħa u data u ħin tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa ntemmet fit-20:30 u l-President informa li l-laqgħa għas-seduta li jmiss ser tinżamm nhar **it-18 ta' April, 2024 fil-5:30pm fil-binja l-ġdida tas-Seminarju.**

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| ____________________ | ____________________ |
| Sandro Azzopardi<br>President Reġjun Punent | Tania Farrugia<br>Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv |

18 ta' April, 2024

Ikkonfermati llum